**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA**

**minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (40)



Tiġrija deċiżiva, dik tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa mirbuħa minn Marsamxett Valletta, fir-Regatta Nazzjonali fl-1981

Personaġġ ieħor li kont nammira ħafna u li maż-żmien sirna ħbieb ħafna kien George Brydon – illum m'għadux magħna. George kellu għal qalbu ħafna r-Regatta Nazzjonali, u bla dubju ta' xejn kien wieħed mill-protagonisti Beltin li flimkien ma' oħrajn organizza mill-ġdid id-distrett ta' Marsamxett li aktar tard sar magħruf bħala Marsamxett'Valletta.

Matul il-ħidma fejjieda tiegħu fil-club tar-Regatta ta' Marsamxett, huwa okkupa diversi ħatriet u għal bosta snin kien membru attiv ħafna fir-Regatta Association u anke president tagħha. Minkejja li meta kiber ma baqax attiv f'dik li hi amministrazzjoni ta' club, iżda kompla jagħti sehmu fl-Għaqda tar-Regatta. L-akbar xewqa tiegħu kienet li Marsamxett jirbaħ ix-Shield u finalment din ix-xewqa qatagħha. Niftakar, kont iltqajt miegħu b'kumbinazzjoni fil-bidu tas-snin 80, jekk mhux qabel, f'ħanut tal-typewriters fil-Belt, sewwasew ftit 'il bogħod minn Aquilina tal-kotba fejn kien impjegat bħala salesman.

Ma niftakarx eżatt kif kien ġie il-kliem fuq ir-Regatta, iżda jidhirli li meta dħalt fil-ħanut biex nixtri riżma karti għat-typewriter, fuq il-bank kellu xi ritratti tar-Regatta, u meta osservani nħares lejhom kien pront ħareġ album minn ġo kexxun, u peress li f'dak il-ħin nzertajt waħdi fil-ħanut qbadna nitkellmu fuq Regatta.

Minn dak in-nhar sakemm miet bqajna dejjem ħbieb! Ovvjament iltqajna diversi okkażjonijiet u kliemna dejjem kien jaqa' fuq ir-Regatta, b'mod speċjali fuq Marsamxett. Ġorġ kien iħobb lil-lokalitá tiegħu b'imħabba kbira, u xtaq ħafna li qabel ma jmut Marsamxett mhux biss tirbaħ ix-Shield, iżda li jkun distrett qawwi fir-Regatta daqs Bormla u l-Isla.

Kif aċċennajt, tkellimna bosta drabi, u r-risposti tiegħu għad-domandi dejjem kienu sinċiera, ċari u bla skużi, abjad – abjad, iswed -iswed. Matul din il-kitba, se nislet xi siltiet mit-tweġibiet li tani għall-mistoqsijiet li kont għamiltlu f'diversi okkażjonijiet, kif ukoll se nagħmel użu minn siltiet minn intervista li ta lill-ġurnalista, u b'hekk inkun qed nifformula speċi ta' intervista nteressanti minn personaġġ li kull Belti jaf kemm ħadem u stinka biex Marsamxett jerġa' jikseb mill-ġdid il-qawwa u s-saħħa li kien igawdi qabel il-gwerra.

*Ġorġ, x'tifkiriet għandek tad-distrett ta' Marsamxett fir-Regatta ta' qabel il-gwerra?*

"Ftit li xejn... jien kont għadni tifel u kulma niftakar hu biss ħjiel ta' dawn it-tiġrijiet ... li kienu akkaniti ħafna, port mimli nies, il-kanal kien magħluq fuq iż-żewġ naħat, kull kategorija ta' tiġrijiet kienet tkun akkanita, b'ħafna għajjat ta' inkorraġiment.

Fit-tiġrija tal-Kajjikki tal-Kopp kienu jieħdu sehem ħafna Kajjikki; it-tiġrija tal-Ferilli ma baqgħetx issir u minflokha bdew il-Frejgatini ... minkejja li d-distrett tagħna kien armat tajjeb, Bormla u l-Birgu kienu jiddominaw dawn it-tiġrijiet, l-aktar Bormla ... aħna, bħala distrett konna waqajna lura ... jien dejjem nismagħhom jgħidu li fl-antik Marsamxett kien jiddomina kull tiġrija, iżda qabel il-gwerra, Bormla kienu l-aħjar. Għalkemm aħna konna nieħdu sehem f'kull kategorija, ħafna mill-qaddiefa tagħna kienu kibru, u dawk li ħadu posthom ma kellhomx l-esperjenza tal-kanal ... meta fl-aħħar tas-snin 30 bdejna nieħdu r-ruħ, faqqgħet il-Gwerra u r-Regatta ma saritx ....

*Ġorġ, ir-Regatta Nazzjonali ġiet introdotta mill-ġdid fl-1951... x'kienet ir-raġuni li Marsamxett ma kienx ipparteċipa f'kull kategorija?*

"Opri ma kellniex u qaddiefa lanqas! Il-ftit qaddiefa li kellna kienu kibru iżda xorta waħda xtaqu li jerġgħu jaraw lid-distrett ta' Marsamxett jagħti sehmu f'dawn it-tiġrijiet tradizzjonali. Kienet l-inizjattiva personali ta' xi dilettanti, li fl-1951 kienu ltaqgħu ma' xi barklori li kienu jaqdfu ma' Marsamxett qabel il-gwerra, u talbuhom biex jieħdu sehem flimkien mal-Isla, il-Marsa u l-Birgu. S'intendi, is-suċċessi tagħna fis-snin ħamsin f'dawn it-tiġrijiet kienu biss fid-dgħajjes tax-Xogħol fejn irbaħna xi paljijiet, iżda dan ir-rebħ ma kienx biżżejjed biex iħeġġeġ lit-tfal tal-Belt li jingħaqdu flimkien u jorganizzaw id-distrett mill-ġdid.

"Aħna konna nafu li biex tikseb suċċess jeħtieġ sagrifiċċju kbir, għalhekk ħtarna kumitat proviżorju minn fost id-dilettanti u l-qaddiefa tagħna, bil-ħsieb li f'qasir żmien norganizzaw id-distrett u jibda jipparteċipa b'mod sħiħ f'dawn it-tiġrijiet tradizzjonali li qabel il-gwerra kienu ħafna għal qalb il-Beltin.

"Meta d-distrett ġie organizzat mill-ġdid Marsamxett beda jaqsam ir-rebħ mad-distretti oħra, u dejjem kien ta' sfida qawwija fil-korsi tad-dgħajjes tal-Midalji, f'ta' Bi Tnejn u ta' bl-Erbgħa, għalkemm fl-opri ż-żgħar kellna xi rebħ ukoll.

"Sfortunatament, minkejja li kull sena jkunu armati tajjeb, s'issa għadna qatt ma rnexxielna nirbħu x-Shield - nittamaw li f'qasir żmien il-qaddiefa tagħna jirnexxielhom jirbħuha bħal distretti oħra ... aħna għandna qaddiefa tajbin bħal ħaddieħor u kapaċi jisfidaw għar-rebħ ta' kull korsa."

*Ġorġ, int dejjem kont attiv kemm fl-Assoċjazzjoni tar-Regatta Nazzjonali kif ukoll fid-distrett tiegħek ... bħala president tal-Għaqda tar-Regatta int tajt sehmek ukoll biex isir titjib l-organizzazzjoni tagħha ... sodisfatt bit-titjib li sar ?*

"Jien issa ilni tliet snin maqtugħ mir-Regatta - peress li llum kbirt, il-kliem żejjed u l-argumenti saru jinkwetawni ħafna u għalhekk ħassejt li kien wasal iż-żmien li nwarrab.

"Dwar il-presidenza tiegħi, kull distrett qed jokkupa din il-presidenza wara min imissu, u għas-sena ta' wara jokkupa viċi-presidenza, biex b'hekk il-Ppresident il-ġdid ikollu l-għajnuna meħtieġa biex l-affarijiet jibqgħu mexjin ħarir.

"Jien bl-għajnuna ta' sħabi tal-Kunsill (tar-Regatta Nazzjonali) emendajna l-istatut, li llum, ċerti regolamenti jridu maġġoranża ta' tnejn minn kull tliet membri biex jinbidlu.

"B'hekk aħna naħħejna dik ir-risponsabbiltá li xi drabi kienet taqa' intortament fuq il-president, li bla ma jkun irid jiġi f'sitwazzjoni imbarazzanti u jkollu jagħmel il-*casting vote*.

*Qed tissemma ħafna t-tiġrija għaż-żagħżagħ ta' taħt-il 21 sena ... x'tikkummenta dwar din it-tiġrija?*

"Niftakar li jien kont għandi fil-kumitat tal-Belt meta saret din ir-Regatta, u dak iż-żmien kienet tal-Under 18 u issa dawn laħqu l-etá u ġiet Under 21. Mill-lista li tqassmet f'Marzu li għadda sibt li l-maġġoranza ta' dawn il-qaddiefa issa qabżu l-21 sena. Qabel il-laqgħa ġenerali straordinarja, id-distretti kienu tkellmu biex jitolbu li tinbidel din il-kategorija u ssir 'B'.

"Aħna konna tajna l-istruzzjoni lir-rappreżentant tagħna fil-kummissjoni biex jipproponiha fil-Kummissjoni - Sport (fergħa fil-Ministeru) li għandha taqsam mar-Regatta, u meta dan attenda l-laqgħa u tkellem dwar il-proposta tagħna l-kummissjoni ma aċċettathiex u minflokha ipproponew dik ta' taħt-il 25 sena.

"Nista' ngħid li f'laqgħa minnhom ilkoll qbilna mal-'B'. Regolament tagħna jgħid li dak li nitolbu aħna unanimament, il-Kunsill irid jaċċetta - aħna ngħidu, irid jaċċetta! .....

"Iżda għadna qatt ma ġejna f'dik l-estremitá li nisfidaw lill-Kunsill biex jaċċetta dak li rridu aħna. Iżda issa hemm oħra... din ħarġet riċentament mill-qorti ... il-kummissjoni Regatta għandha dritt li tagħmel regolamenti li jidrilha hi, tissuppera regolamenti oħra, basta jkunu ta' ġdid għar-Regatta ... Din hi deċiżjoni tal-Qorti!.

"Issa x'ihni d-definizzjoni ta' żgħażagħ? - 18-il sena, 21 sena; 23 sena jew aktar? Issa fl-'Under' 23, fid-dgħajjes tal-Midalji u ta' bl-Erbgħa jistgħu jagħmlu użu ta' qaddief wieħed 'Under' 25.

"J'Alla din il-kwistjoni tirrisolvi ruħha għal ġdid tar-Regatta. Aħna nixtiequ li kull distrett ikollu biżżejjed qaddiefa biex jarma l-opri tiegħu u jipparteċipa fit-Tiġrija tal-Vitorja.

Waqt li nħeġġeġ lis-'supporters' ta' kull club jifirħu bit-timijiet tagħhom u jagħtuhom is-support tagħhom matul it-tiġrija, nawgura li din is-sena wkoll, bħal snin imgħoddija jkollna tiġrija sabiħa u akkanita, fejn is-sens sportiv jirrenja fil-kanal mill-bidu sat-tmiem ir-Regatta...

*(ikompli f'ħarġa oħra)*